31994D0164

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tat-18 ta' frar 1994
li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE għal dak li jirrigwarda l-ifformular taċ-ċertifikati tas-saħħa

(94/164/KE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

B'riferenza għat-trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

B'riferenza għad-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li tirregola l-kummerċ Intra-Komunitarju f'annimali ovini u kaprini [1], u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 14 tagħha,

Filwaqt li l-kliem taċ-ċertifikati li jinstab fl-Anness E tad-Direttiva 91/68/KEE għandu jkun speċifikat u għandu jinkludi garanziji relatati ma' ċertu mard;

Filwaqt li, sabiex tiġi evitata kwalunkwe kunfużjoni, il-Provvedimenti ta' l-Anness E għall-imsemmija Direttiva għandu jiġi formulat mill-ġdid;

Filwaqt li l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

L-Anness E għad-Direttiva 91/68/KEE huwa sostitwita bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tapplika mis-60 jum wara d-data tan-notifikazzjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Frar 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 46, tad-19.2.1991, pġ. 19.

ANNESS

"ANNESS E

MUDELL I

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA (1)

għall-kummerċ bejn Stati Membri tal-Komunità Ewropea ta' annimali ovini u kaprini għall-qatla

Nru .....

Stat Membru ta' min jikkonsenja: .....

Ministeru Kompetenti: .....

Dipartiment Kompetenti: .....

I. **Numru ta' annimali:** .....

II. **Identifikazzjoni ta' annimali**

Numru ta' annimali	Maskili/femminili annimali ovini/kaprini	Ħobz	Età	Identifikazzjoni uffiċjali ta' l-individwu (numru ta' l-istat u post)

III. **Oriġini ta' l-annimali**

L-annimali kienu jew:

(a) twieldu u tkabbru mit-twelid fit-territorju tal-Kommunità (2);
jew

(b) importat minn pajjiż terz li jidher fuq l-lista ppreparata skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 72/462/KEE u jissodisfaw jew (2):

— il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali mqiegħda skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 72/462/KEE (2),
jew

— kondizzjonijiet mqiegħda fl-Artikolu 8(A)(2) tad-Direttiva 91/496/KEE u kienu għall-inqas għal 30 jum fl-Istat Membru tal-kunsinna (2).

IV. **Destinazzjoni ta' l-annimali**

L-annimali jintbagħtu:

minn: .....
(Post)

sa: .....
(Stat Membru u post tad-destinazzjoni)

Permezz ta': vagun tal-ferrovija, lorry/trakk, ajru, dgħajsa/vapur (2): ..... (3)

Isem u indirizz ta' min jikkonsenja: .....

.....

Isem u indirizz tal-kunsinnatarju: .....

.....

(1) Ċertifikati tas-saħħa jistgħu jiġu mimlija biss għall-annimali li ser jiġu trasportati fl-istess vagun tal-ferrovija, trakk/lorry, inġenju ta' l-ajru jew dgħajsa/vapur, li joriġina mill-istess azjenda u li qegħdin jintbagħtu lill-istess kunsinnatarju.

(2) Ħassar fejn ma japplikax.

(3) Għati n-numru ta' reġistrazzjoni fil-każ ta' vaguni tal-ferrovija u lorries/trakkijiet, in-numru tat-titjira fil-każ ta' inġenji ta' l-ajru u l-isem fil-każ ta' dgħajjes/vapuri.

V. **Informazzjoni dwar Saħħa**

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-annimali deskritti hawn fuq, jissodisfaw il-ħtiġijiet li ġejjin:

A. Ġew spezzjonati llum (fi żmien 48 siegħa qabel it-tgħabbija) u ma juru l-ebda sinjal kliniku tal-marda;

B. Mhumiex annimali li ser jiġu maqtula taħt skema għall-qerda ta' marda kuntaġġjuża jew infettiva;

C. Ma ġewx akkwistati minn azjenda li hija soġġetta għall-projbizzjoni minħabba l-istat tas-saħħa ta' l-annimali u lanqas ma kienu f'kuntatt ma' annimali minn tali holding, fuq il-premessa li:

1. tali projbizzjoni hija konessa mal-firxa ta' waħda mis-segwenti mardiet li għalihom l-annimali huma suxxetibbli:

— bruċellosi,

— idrofobija,

— antraċi;

2. wara l-qerda ta' l-aħħar annimal li jkun qed isofri minn jew huwa soġġett għal, it-terminu tal-projbizzjoni irid ikun ta' mill-inqas:

— 42 jum f'każ ta' bruċellosi,

— 30 jum f'każ ta' idrofobija,

— 15 jum f'każ ta' antraċi;

u lanqas ma ġew minn azjenda jew kienu f'kuntatt ma' annimali minn azjenda f'żona ta' protezzjoni li twaqqfet taħt leġislazzjoni Komunitarja u li l-annimali huma projbiti milli jitilqu;

D. mhumiex suġġetti għal miżuri għas-saħħa ta' l-annimali in segwitu għal-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u lanqas ma ġew imlaqqma kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer;

E. Kienu akkwistati minn:

— azjenda (1): .....(2),

— suq approvat (1): .....(2);

F. Kienu trasportati direttament, mingħajr ma għaddew/meta għaddew minn (1); ċentru ta' assemblaġġ (1)/post tat-tagħbija (1)/post tat-tagħbija (1)/post ta' l-operatur (1):

— minn azjenda (1)/minn azjenda sas-suq u lil hinn (1)

— sal-post attwali tat-tagħbija, bl-użu ta' mezzi tat-trasport u ta' kontenitur li kellha, minn qabel, kienet tnaddfet u ġiet diżinfettata bl-użu ta' diżinfettant uffiċjalment approvat, u f'tali mod li jipprovdi protezzjoni effettiva ta' l-istat tas-saħħa ta' l-annimali.

VI. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 t'ijiem mid-data ta' l-ispezzjoni.

Data f' ....., fil- .....
(Data ta' l-ispezzjoni)

Timbru

.....
(Firma tal-veterinarju uffiċjali)

.....
(Isem u titolu, f'ittri kbar)

(1) Ħassar fejn ma japplikax.

(2) Fejn huwa xieraq, indika l-isem.

MUDELL II

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA (1)

għall-kummerċ bejn Stati Membri tal-Komunità Ewropea ta' annimali ovini u kaprini għas-simna

Nru .....

Stat Membru ta' min jikkonsenja: .....

Ministeru Kompetenti: .....

Departiment Kompetenti: .....

I. **Numru ta' annimali:** .....

II. **Identifikazzjoni ta' annimali**

Numru ta' annimali	Maskili/femminili annimali ovini/kaprini	Ħobż	Età	Identifikazzjoni uffiċjali ta' l-indivdwu (numru ta' l-istat u post)

III. **Oriġini ta' l-annimali**

L-annimali kienu jew

(a) twieldu u tkabbru mit-twelid fit-territorju tal-Komunità (2); jew

(b) importat minn pajjż terz li jidher fuq l-lista ppreparata skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 72/462/KEE u jissodisfaw jew (2):

— il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali mqiegħda skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 72/462/KEE (2), jew

— kondizzjonijiet mqiegħda fl-Artikolu 8(A)(2) tad-Direttiva 91/496/KEE u kienu għall-inqas għal 30 jum fl-Istat Membru tal-kunsinna (2).

IV. **Destinazzjoni ta' l-annimali**

L-annimali jintbagħtu:

minn: .....

(Post)

sa: .....

(Stat Membru u post tad-destinazzjoni)

Permezz ta': vagun tal-ferrovija, lorry/trakk, ajru, dgħajsa/vapur (2): .....(3)

Isem u indirizz ta' min jikkonsenja: .....

.....

Isem u indirizz tal-kunsinnatarju: .....

.....

(1) Ċertifikati tas-saħħa jistgħu jiġu mimlija biss għall-annimali li ser jiġu trasportati fl-istess vagun tal-ferrovija, trakk/lorry, inġenju ta' l-ajru jew dgħajsa/vapur, li joriġina mill-istess azjenda u li qegħdin jintbagħtu lill-istess kunsinnatarju.

(2) Ħassar fejn ma japplikax.

(3) Għati n-numru ta' reġistrazzjoni fil-każ ta' vaguni tal-ferrovija u lorries/trakkijiet, in-numru tat-titjira fil-każ ta' inġenji ta' l-ajru u l-isem fil-każ ta' dgħajjes/vapuri.

V. **Informazzjoni dwar Saħħa**

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-annimali deskritti hawn fuq, jissodisfaw il-ħtiġijiet li ġejjin:

A. Ġew spezzjonati llum (fi żmien 48 siegħa qabel it-tgħabbija) u ma juru l-ebda sinjal kliniku tal-marda;

B. Mhumiex annimali li ser jiġu maqtula taħt skema għall-qerda ta' marda kuntaġġjuża jew infettiva;

C. Ma ġewx akkwistati minn azjenda li hija soġġetta għall-projbizzjoni minħabba l-istat tas-saħħa ta' l-annimali u lanqas ma kienu f'kuntatt ma' annimali minn tali holding, fuq il-premessa li:

1. tali projbizzjoni hija konessa mal-firxa ta' waħda mis-segwenti mardiet li għalihom l-annimali huma suxxetibbli:

— bruċellosi,

— idrofobija,

— antraċi;

2. wara l-qerda ta' l-aħħar annimal li jkun qed isofri minn jew huwa soġġett għal, it-terminu tal-projbizzjoni jrid ikun ta' mill-inqas:

— 42 jum f'każ ta' bruċellosi,

— 30 jum f'każ ta' idrofobija,

— 15 jum f'każ ta' antraċi;

u lanqas ma ġew minn azjenda jew kienu f'kuntatt ma' annimali minn azjenda f'żona ta' protezzjoni li twaqqfet taħt leġislazzjoni Komunitarja u li l-annimali huma projbiti milli jitilqu;

D. mhumiex suġġetti għal miżuri għas-saħħa ta' l-annimali in segwitu għal-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u lanqas ma ġew imlaqqma kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer;

E. 1. jew, jikkwalifikaw għall-ammissjoni għal azjenda ovina jew kaprina li hija uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi, *(B. melitensis)* [1], jiġifieri.:

(a) jiġu minn azjenda li hija uffiċjalment ħielsa mill-bruċellosi *(B. melitensis)* [1]; jew

(b) jiġu minn azjenda li hija libera mill-bruċellosi *(B. melitensis)* u:

— huma identifikati individwalment,

— qatt ma ġew imlaqqma kontra l-bruċellosi jew jekk ġew imlaqqma kienu imlaqqma aktar minn sentejn qabel. Però, annimali femminili tà età ta' aktar minn sentejn li kienu imlaqqma qabel l-età ta' seba' xhur jistgħu jidaħħlu fl-azjenda, u

— kienu iżolati taħt is-superviżjoni uffiċjali fl-azjenda ta' l-oriġini u, waqt tali iżolazzjoni kienu sottoposti, b'riżultati negattivi, żewġ testijiet għall-bruċellosi skond l-Aness C għad-Direttiva 91/68/KEE, separati b'intervall ta' għall-inqas sitt ġimgħat [1];

2. jew jikkwalifikaw għall-amissjoni għall-azjenda ovina jew kaprina libera mill-bruċellosi. *(B. melitensis)* [1], jiġifieri:

(a) jiġu minn azjenda uffiċjalment libera mill-bruċellosi *(B. melitensis)*;

jew

(b) jiġu minn azjenda libera mill-bruċellosi *(B. melitensis)*;

jew

(c) sad-data ta' kwalifika taħt il-pjanijiet tal-qerda approvati in segwitu għad-Deċiżjoni 90/242/KEE, huma joriġinaw minn azjendi oħrajn li mhumiex imsemmija f'(a) u (b) u jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) huma identifikati individwalment;

u

(ii) huma joriġinaw minn azjenda li fiha l-annimali kollha ta' speċi suxxetibbli għall-bruċellosi *(B. melitensis)* ma urew l-ebda sinjali kliniċi jew sinjali oħra ta' bruċellosi għall-inqas għal 12-il xahar;

u

[1] Ħassar fejn ma japplikax.

(iii) jew: — ma ġewx imlaqqma kontra l-bruċellosi *(B. melitensis)* fl-aħħar sentejn,

u

— kienu iżolati taħt superviżjoni veterinarja fl-azjenda ta' l-oriġini u waqt tali iżolament, ġew sottoposti, b'riżultati negattivi, żewġ testijiet għall-bruċellosi skond l-Anness C għad-Direttiva 91/68/KEE, separati minn intervall ta' l-inqas sitt ġimgħat,

jew

— kienu mlaqqma bil-vaċċin Rev I qabel l-età ta' seba' xhur iżda mhux aktar minn 15-il jum qabel l-introduzzjoni tagħhom fl-azjenda tad-destinazzjoni (1)

F. kienu akkwistati minn:

— Azjenda (1): ..... (2),

— suq approvat (1): ..... (2),

— pajjiż terz (1): ..... (2);

G. kienu trasportati direttament, mingħajr ma għaddew/meta għaddew minn (1); ċentru ta' assemblaġġ (1)/post tat-tagħbija (1)/post ta' l-operatur (1):

— minn azjenda (1), minn azjenda sas-suq u lil hinn (1),

— sal-post attwali tat-tagħbija, bl-użu ta' mezzi tat-trasport u konteniment li kien tnaddaf u ġie disinfettat minn qabel bl-użu ta' diżinfettant approvat uffiċjalment, u f'tali mod li jipprovdi protezzjoni effettiva għall-istat ta' saħħa ta' l-annimali.

VI. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 t'ijiem mid-data ta' l-ispezzjoni.

Magħmul ..... fil- .....

(Data ta' l-ispezzjoni)

Timbru

.....

(Firma tal-veterinarju uffiċjali)

.....

(Isem u titolu, f'ittri kbar)

(1) Ħassar fejn ma japplikax.
(2) Fejn xieraq, indika l-isem.

MUDELL III

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA (1)

għall-kummerċ bejn Stati Membri tal-Komunità Ewropea ta' annimali ovini u kaprini għat-tkabbir

Nru: .....

Stat Membru ta' min jikkonsenja: .....

Ministeru Kompetenti: .....

Departiment Kompetenti: .....

I. **Numru ta' annimali:** .....

II. **Identifikazzjoni ta' annimali**

Numru ta' nnimali	Maskili/femminili annimali ovini/kaprini	Ħobż	Età	Identifikazzjoni uffiċjali ta' l-indivdwu (numru ta' l-istat u post)

III. **Oriġini ta' l-annimali**

L-annimali kienu jew:

(a) twieldu u tkabbru mit-twelid fit-territorju tal-Komunità (2);
jew

(b) importat minn pajjż terz li jidher fuq il-lista ippreparata skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 72/462/KEE u jissodisfaw jew (2):

— il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali mqiegħda skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 72/462/KEE (2),
jew

— kondizzjonijiet mqiegħda fl-Artikolu 8(A)(2) tad-Direttiva 91/496/KEE u kienu għall-inqas għal 30 jum fl-Istat Membru tal-kunsinna (2).

IV. **Destinazzjoni ta' l-annimali**

L-annimali jintbagħtu:

minn: .....
(Post)

sa: .....
(Stat Membru u post tad-destinazzjoni)

Permezz ta': vagun tal-ferrovija, lorry/trakk, ajru, dgħajsa/vapur (2): ..... (3)

Isem u indirizz ta' min jikkonsenja: .....

.....

Isem u indirizz tal-kunsinnatarju: .....

.....

(1) Ċertifikati tas-saħħa jistgħu jiġu mimlija biss għall-annimali li ser jiġu trasportati fl-istess vagun tal-ferrovija, trakk/lorry, inġenju tal-ajru jew dgħajsa/vapur, li joriġina mill-istess azjenda u li qegħdin jintbagħtu lill-istess kunsinnatarju.

(2) Ħassar fejn ma japplikax.

(3) Għati n-numru ta' reġistrazzjoni fil-każ ta' vaguni tal-ferrovija u lorries/trakkijiet, in-numru tat-titjira fil-każ ta' inġenji ta' l-ajru u l-isem fil-każ ta' dgħajjes/vapuri.

V. **Informazzjoni dwar Saħħa**

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-annimali deskritti hawn fuq, jissodisfaw is-segwenti ħtiġijiet:

A. Ġew spezzjonati llum (fi żmien 48 siegha qabel it-taghbija) u ma juru l-ebda sinjal kliniku tal-marda;

B. Mhumiex annimali li ser jiġu distrutti taħt skema għall-qerda ta' marda kuntaġġjuża jew infettiva;

C. Ma kienux miksuba minn azjenda li hija soġġetta għall-projbizzjoni skond is-saħħa ta' l-annimali u lanqas ma kienu f'kuntatt ma' annimali minn tali azjenda, fuq il-premessa li:

1. tali projbizzjoni hija konessa mal-firxa ta' wahda mil-mardiet li ġejjin li għalihom l-annimali huma suxxettibbli:

— bruċellosi,

— idrofobija,

— antraċi;

2. wara l-qatla ta' l-aħħar annimal li jkun qed isofri minn jew huwa soġġett għall-terminu tal-projbizzjoni trid tkun ta' l-anqas:

— 42 jum fil-każ ta' bruċellosi,

— 30 jum fil-każ ta' idrofobija,

— 15 -il jum fil-każ ta' anthraċi;

u lanqas ma ġew minn azjenda jew kienu f'kuntatt ma' annimali minn azjenda f'żona ta' protezzjoni li twaqqfet taħt leġislazzjoni Komunitarja u li l-annimali huma projbiti milli jitilqu;

D. mhumiex soġġetti għall-miżuri tas-saħħa ta' l-annimali in segwitu għal-leġislazzjoni Komunitarja dwar il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u lanqas ma ġew imlaqqma kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer;

E. għal dak li jirrigwarda scrapie, jiġu minn azjenda li tissodisfa l-ħtiġijiet li ġejjin:

— l-azjenda hija taħt superviżjoni uffiċjali,

— l-annimali jridu jkunu mmarkati,

— l-ebda każ ta' scrapie ma ġie kkonfermat għall-inqas għal-sentejn,

— verifika mhux avżata trid issir fuq kaprini xjuħ mill-azjenda li jridu jiġu culled jekk l-azjenda ma tinstabx f'reġjun jew Stat Membru li jikkwalifika għall-kondizzjonijiet li ser jiġu adottati in segwitu ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 91/68/KEE,

— in-nisa ma jistgħux jiġu introdotti fl-azjenda jekk ma jiġux minn azjenda li tissodisfa l-istess ħtiġijiet.

Iridu jkunu nżammu b'mod permanenti f'azjenda jew azjendi li jissodisfaw dawn il-ħtiġijiet minn twelidhom jew għall-aħħar sentejn;

F. 1. jew jikkwalifikaw għall-ammissjoni fl-azjenda ovina jew kaprina [1] uffiċjalment liberu mill-bruċellosi *(B. melitensis)* , jiġifieri:

(a) jiġu minn azjenda [1] uffiċjalment libera mill-bruċellosi *(B. melitensis)*;

jew

(b) jiġu minn azjenda libera mill-bruċellosi *(B. melitensis)* [1] u:

— huma identifikati individwalment,

— qatt ma ġew imlaqqma kontra l-bruċellosi jew jekk ġew imlaqqma kienu mlaqqma aktar minn sentejn qabel. Però, annimali femminili li jkollhom aktar minn sentejn li kienu mlaqqma taħt l-età ta' seba' xhur jistgħu jiddaħħlu wkoll fl-azjenda,

u

[1] Ħassar fejn mhux applikabbli.

— kienu iżolati taħt superviżjoni uffiċjali fl-azjenda oriġinali u, waqt tali iżolament, qagħdu, b'riżultati negattivi, għal żewġ testijiet għall-bruċellosi skond l-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE, separati b'intervall ta' għall-inqas sitt ġimgħat [1];

2. jew huma jikkwalifikaw għall-ammissjoni għal azjenda [1] ovina jew kaprina li hija libera mill-bruċellosi jiġifieri:

(a) jiġu minn azjenda [1] uffiċjalment libera mill-bruċellosi *(B. melitensis)*;

jew

(b) jiġu minn [1] liberu mill-bruċellosi *(B. melitensis)*;

jew

(c) sad-data kwalifikanti taħt pjani ta' qerda approvati in segwitu għad-Deċiżjoni 90/242/KEE, huma joriġinaw minn azjenda oħra li mhux imsemmi f'(a) u (b) u jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) huma identifikati individwalment;

u

(ii) huma joriġinaw minn azjenda li fiha l-annimali kollha ta' l-ispeċi li huma suxxettibbli għall-bruċellosi *(B. melitensis)* kienu liberi minn sintomi kliniċi jew kwalunkwe sintomi ta' bruċellosi għall-inqas għal 12-il xahar;

u

(iii) jew: — ma ġewx imlaqqma kontra l-bruċellosi *(B. melitensis)* fl-aħħar sentejn,

u

— huma kienu iżolati taħt superviżjoni veterinarja fl-azjenda ta' l-oriġini u, waqt tali iżolament, qagħdu, b'riżultati negattivi, għal żewġ testijiet tal-bruċellosi skond l-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE separati b'intervall ta' l-anqas sitt ġimgħat,

jew

— kienu imlaqqma bil-vaċċin Rev 1 taħt l-eta ta' seba' xhur iżda mhux aktar tard minn15-il jum qabel l-introduzzjoni tagħhom fl-azjenda tad-destinazzjoni [1]:

G. għal dak li jirrigwarda epididimite kuntaġġjuża tal-muntun *(B. ovis)* fejn mtaten għat-tkabbir mhux kastrati huma konċernati, huma jridu:

— jiġu minn azjenda li fiha l-ebda każ ta' epididimite kuntaġġjuża tal-muntun *(B. ovis)* ma ġiet irreġistrata fl-aħħar 12-il xahar,

— inżammu permanentement f'dik l-azjenda għas-60 jum ta' qabel il-kunsinna,

— kienu sottoposti, fi żmien 30 jum qabel il-kunsinna, b'riżultat negattiv, għall-complement-fixing test sabiex tinstab l-epididimite kuntaġġjuża tal-muntun *(B. ovis)*;

H. fil-konoxxenza ta' l'hawn taħt iffirmat u skond id-dikjarazzjoni miktuba tas-sid, ma kienux miksuba minn azjenda jew ma kienux f'kuntatt ma' annimali minn azjenda li fiha l-mardiet li ġejjin ġew klinikament misjuba:

— fl-aħħar sitt xhur, contagious agalactica tan-ngħaġ *(Mycoplasma agalactiae)* u contagious agalactica tal-mogħoż *(Mycoplasma agalactiae, M. capricolum, M. mycoides* subsp. *Mycoides* Large Colony),

— fl-aħħar 12 il-xahar, paratuberkolożi jew caseous lymphadenitis,

— fl-aħħar tliet snin, andematożi pulmonari, maedi/visna jew artrite virali kaprina/enċefalite. Però, dan il-limitu ta' żmien huwa mnaqqas għal 12-il xahar jekk annimali affettwati minn maedi/visna jew artrite virali kaprina/enċefalite ġew maqtula u l-annimali li kien baqa' rreaġixxew negattivament f'żewġ testijiet.

[1] Hassar fejn mhux applikabbli.

I. kienu ottenuti minn:

— azjenda (1) ..... (2),

— suq approvat (1) ..... (2),

— pajjiż terz (1) ..... (2),

J. kienu trasportati direttament, mingħajr ma għaddew/meta għaddew minn (1) ċentru ta' assemblaġġ (1)/post tat-tagħbija (1)/post ta' l-operatur (1)/post approvat ta' spezzjoni fuq il-fruntiera (1):

— minn azjenda (1)/minn azjenda sas-suq u lil hinn (1):

— sal-post attwali tat-tagħbija, bl-użu ta' mezzi tat-trasport u kontenitur li kien, ġie mnaddaf, u diżinfettat minn qabel bl-użu ta' diżinfettant uffiċjalment approvat, u f'tali mod li jipprovdi protezzjoni effettiva għall-istatus tas-saħħa ta' l-annimali.

VI. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għall-10 t'ijiem mid-data ta' l-ispezzjoni.

Magħmul ..... fil- .....
(Data tal-ispezzjoni)

Timbru

.....
(Firma tal-veterinarju uffiċċjali)

.....
(Isem u titolu, f'ittri kbar)

(1) Ħassar fejn mhux applikabbli.
(2) ejn xieraq, indika l-isem."